# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u Għoxrin (24) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 149/2022FDP**

Fl-ismijiet

**David sive David Norbert Schembri (K.I: 369676M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2015, sabet lir-rikorrent ħati ta' diversi akkużi, fosthom li kkawża ferita gravi fuq ċertu Noel Borg u talli kien reċidiv kkundannatu għal piena ta' seba' snin priġunerija u rabtitu b'obbligazzjoni taħt l-Artikolu 383 fl-ammont ta' ħames mitt ewro biex ma jimmolestax jew jivvessa lil Noel Borg.*

*Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020, annullat is-sentenza appellata u bagħtet il-proċess lura lill-ewwel Qorti biex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata, li kien jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2011.*

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021, sabet mill-appellant ħati li kkawża ferita gravi fuq ċertu Noel Borg u talli kien reċidiv, kkundannatu għal piena ta' sitt snin priġunerija u rabtitu b'obbligazzjoni taħt l-Artikolu 383 fl-ammont ta' elfejn u tlett mitt ewro biex ma jimmolestax jew jivvessa lil Noel Borg.*

*Illi fis-smigħ ta' l-Appell minn din is-sentenza, r-rikorrent intavola rikors fis-27 t'Awissu 2021 regolat bl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li:*

> *Quddiem il-Qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief –*
>
> *(a) Jekk jiġi pruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinetx taf bihom, jew ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ġġibhom quddiem il-Qorti inferjuri;*
>
> *(b) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-Qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.*

1. *Ir-rikorrent għamel din it-talba minħabba li kien hemm fatti ġenwini u serjissimi li, fi żmien il-kumpilazzjoni, ir-rikorrent kien taħt kura psikjatrika severa li ma kinetx komuni biex b'hekk ir-rikorrent ma kienx konxju u mentalment stabbli biex jirribatti dik ix-xhieda u l-każ, fiż-żmien in kwistjoni, billi wkoll ma kienx mentalment stabbli sabiex jikkonsulta ma' Avukat.*

2. *Ir-rikorrent qiegħed jgħid li ma kienx konxju u mentalment stabbli biżżejjed biex ikun jista' jirribatti x-xhieda u li ma kienx mentalment stabbli biex jikkonsulta ma' l-avukat, u dan minkejja li r-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat – għalkemm mhux l-avukat li qed jidhrilu bħalissa - kif ukoll ma kienx qiegħed jifhem x'kien qiegħed jingħad.*

3. *Illi l-fatt li wara li kienet ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent kien ukoll għamel appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' rikors tal-appell datat 18 ta' Mejju 2015, ma jurix neċessarjament li kien hemm komunikazzjoni bejnu u bejn l-avukat li kellu, avolja, minn dak l-appell, jirriżulta li kien hemm talbiet ċari u l-ilmenti minn dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienu tali li wieħed minnhom kien saħansitra milqugħ u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati msemmija kienet ġiet annullata minn din il-Qorti diversament presjeduta.*

4. *Iżda, anke wara li ġara dan, u minkejja li l-proċeduri reġgħu ġew mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati, issa presjeduta minn Maġistrat ieħor, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020, meta allura l-appellant issa deher u kien ukoll abbilment assistit, ma setgħetx issir xi talba biex jerġa' jinstema' jixhed il-Psikjatra Joseph Spiteri biex ikompli jixhed fuq dak li kien xehed fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2013. F'dik is-seduta tat-2 ta' Lulju 2020, kienet saret riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti*

*tal-Appell Kriminali, u l-partijiet qablu li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali mill-ġdid u l-kawża tħalliet għas-sentenza. Dan għaliex, meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020 annullat is-sentenza appellata, bagħtet il-proċess lura lill-ewwel Qorti mhux biex jinstemgħu xi xhieda imma biex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata li kien jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2011. Għalhekk f'dak l-istadju jew f'xi stadju ieħor ma setgħetx issir xi forma ta' talba lil dik il-Qorti sabiex jerġa' jinstema' jew ikompli jinstema' l-Psikjatra Dottor Joseph Spiteri.*

5. *Illi jirriżulta li r-rikorrent jew l-avukati tiegħu ġew miżmuma milli jerġgħu jtellgħu lil Dr. Joseph Spiteri milli jixhed, għaliex jirriżulta li kien hemm l-impediment biex Dr. Spiteri jerġa' jinġieb jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020, annullat is-sentenza appellata, bagħtet il-proċess lura lill-ewwel Qorti, mhux biex jinstemgħu xi xhieda imma biex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata, li kien jikkonsisti f'li dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2011, u għalhekk il-Qorti inferjuri ma setgħetx tikkonsidra t-talba.*

6. *Għalhekk, hija l-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tista' tagħmel tajjeb biex jerġa' jitla' jixhed dan ix-xhud u xhieda oħrajn quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali, għaliex dan ma setax isir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qabel ma tat is-sentenza tagħha, li ġiet annullata jew wara, meta l-każ reġa' mar lura quddiem dik l-istess Qorti wara li kienet ġiet annullata s-sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta, biex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata li kien jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2011*

7. *Illi wara li kien deċiż dan il-każ mill-ġdid mill-Qorti tal-Maġistrati, il-Psikjatra Spiteri kien ittella' jixhed fi proċeduri oħra, separati u distinti minn dan il-każ, u matul dik ix-xhieda, tiegħu ħarġu xi aspetti li għandhom rilevanza għad-Difiża tar-rikorrent f'dan il-każ. Il-fatt li issa d-Difiża rat li seta' kellha evidenza f'idejha li ma kellhiex f'idejha diġa' matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jfisser li issa tista' ġġib dik l-evidenza billi tistrieħ fuq l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.*

8. *Illi din ix-xhieda l-ġdida se taffettwa dan il-każ tar-rikorrent, u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tista' issa tagħmel tajjeb, meta r-rikorrent ma setgħax itella' jixhdu dawn ix-xhieda quddiem il-Qorti*

*tal-Maġistrati qabel ma tat is-sentenza tagħha li ġiet annullata jew wara, meta l-każ reġa' mar lura quddiem dik l-istess Qorti wara li kienet ġiet annullata s-sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta, biex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata li kien jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2011.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, huwa sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, kemm ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun:*

*(1) tiddikjara li fil-kors tal-proċeduri pendenti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. David sive David Norbert Schembri' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, senjatament bid-digriet datat 13 ta' Jannar 2022, kien hemm vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni senjatament li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.*

*(2) tiddikjara illi seħħet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-kors tal-proċeduri fuq riferuti.*

*(3) Tħassar u tannulla d-digriet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-13 ta' Jannar 2022 hawn fuq riferut.*

*(4) Tagħti kull rimedju, xieraq, effettiv u opportun ieħor konsegwenzjali, inkluż danni morali u s-smigħ mill-ġdid tal-każ tiegħu.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

2. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2022, l-Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li fil-kors tal-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. David sive David Norbert Schembri, partikolarment minħabba – iżda mhux limitatat għal – digriet datat 13 ta' Jannar, 2022, hu ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Bħala rimedju hu talab li d-digriet surreferit jiġi mħassar u annullat u kull rimedju ieħor inkluż danni morali u s-smigħ mill-ġdid tal-każ tiegħu.*

   2. *Illi l-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

3. *Illi preliminarjament, huwa paċifiku li f'analiżi ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom u mhux aspett partikolari f'iżolament. Fil-kawża Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit[1] ġie ritentut:*

   *250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case*** *(see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

   *251. Compliance with the requirements of a fair trial* ***must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings*** *(see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100).* ***However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole*** *(see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)." [Enfasi tal-esponent]*

4. *Illi għalhekk, fil-prinċipju huwa prematur li wieħed janalizza jekk ir-rikorrent ġarrabx ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq meta huwa stess jikkonċedi li l-każ tiegħu għadu pendenti.* ***Konsegwentement, ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha.***

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u* ***fil-mertu****, fit-talbiet tiegħu r-rikorrent jallega li hu ġarrab ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kemm b'mod*

[1] Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit [50541/08 50571/08 50573/08 40351/09], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 13 ta' Settembru, 2016.

*ġenerali fil-proċeduri kriminali istitwiti kontrih, kif ukoll b'mod aktar speċifiku in vista ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 2022.*

6. *Illi minn qari tar-rikors promotur, jidher li l-ewwel ilment huwa primarjament bbażat fuq allegazzjoni tar-rikorrent li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, hu ma setgħax itella' lill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri jixhed. Ir-rikorrent jallega li hu spiċċa f'din il-posizzjoni in vista tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Frar, 2020.*

7. *Illi dan l-argument assolutament huwa nfondat. Fis-sentenza surreferita, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kienet laqgħet l-ewwel aggravju tar-rikorrent u ordnat:*

   > *"Għaldaqstant f'dan l-istadju din il-Qorti trid* **tannulla s-sentenza appellata** *u għalhekk tibgħat il-proċess lura lill-ewwel Qorti biex jiġi ratifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ li l-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju, 2011." [Enfasi tal-esponent]*

8. *Illi kuntrarjament għal dak li qed jallega u jimplika r-rikorrent, is-sentenza appellata kienet ġiet annullata* **in toto** *u mhux sempliċiment in kwantu għall-piena. Minkejja dan, iżda, ir-rikorrent, qabel li kellhom jipproċedu direttament għas-sottomissjonijiet biex b'hekk il-kawża tkun tista' titħallas għas-sentenza. L-implikazzjoni ta' dan huwa li r-rikorrent seta', kieku ried, iġib provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda m'għamilx hekk. Kien proprju f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali pproċediet billi tagħti s-sentenza tagħha fil-11 ta' Jannar, 2021. Tajjeb jingħad li f'din is-sentenza, il-Qorti għamlet analiżi approfondita u dettaljata tal-provi* **kollha** *miġjuba – ma straħitx fuq dak li kien ġie eżaminat mill-istess Qorti diversament presjeduta – u ddikjarat lir-rikorrent ħati ta' uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. B'konformità ma' dak ordnat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), il-Qorti ma qiesitx l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 fil-kalibrazzjoni tal-piena tagħha.*

9. *Illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza u għalkemm mhuwiex spjegat sew fir-rikors promotur, jidher li eventwalment saret xi talba biex jinstema' xhud fl-istadju tal-appell.*

10. *Illi l-ġurisprudenza hija konsistenti li għalkemm id-difiża għandha jedd li tipproduċi xhieda, dan il-jedd mhuwiex wieħed assolut, u wisq inqas hemm jedd fundamentali li persuna ttella' xhieda mingħajr ebda limiti. Kull qorti dejjem għandha s-setgħat li tikkontrolla u tiskrutinizza r-relevanza u l-*

*ammissibilità ta' xhieda mitluba mill-partijiet f'kawża. Di più, huwa ampjament rikonoxxut, anke għaliex il-liġi stess tgħid hekk, li l-produzzjoni ta' xhieda ġodda fi stadju ta' appell m'hijiex ammissibbili ħlief meta l-liġi stess, f'ċertu ċirkostanzi, tippermettiha.*

*Fil-każ odjern, dak li jgħodd huwa l-Artikolu 424 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Matul is-snin, dan l-artikolu ġie strettament applikat in vista tal-prinċipju li fl-istadju tal-appell, l-analiżi li trid issir għandha tkun a bażi tal-provi li jkunu nstemgħu fil-prim'istanza. Din ir-regola ta' proċedura hi ċara għal kulħadd u jekk ġiet applikata fil-konfront tar-rikorrent ma jfissirx li ġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

11. *Illi magħdud dan kollu, ma seħħ ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jisottometti li r-rikorrent ma ġarrabx, u mhux ser iġarrab, ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha* ***tiċħad*** *it-talbiet rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż.*

**Provi**

3. Rat illi l-atti li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li jikkonsistu f'żewġ files wieħed minn paġna 1 sa 398 li jirrelataw mal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt illi l-volum l-ieħor minn paġna 299 sa 478 jirrelata mal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ġew ippreżentati fi stat elettroniku permezz ta' *pendrive* (fol 14).

4. Rat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar 2022 (fol 19-21 et seq).

5. Semgħet ix-xhieda tal-attur **David Norbert Schembri** mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 (fol 22-24).

6. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fis-16 ta' Marzu 2023, kontenenti estratti relattivi mill-proċess kriminali tal-istess attur (fol 27-107).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Joseph Spiteri**, mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023 (fol 114-117 et seq).

8. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fit-2 ta' Novembru 2023, kontenenti traskrizzjoni tax-xhieda tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri (fol 118-123).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr John Attard Montaldo**, mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023 (fol 124-125).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Roderick Mifsud**, mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023 (fol 126-127).

11. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, l-attur iddikjara li ma fadallux aktar provi x'jippreżenta.

12. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, l-intimat iddikjara li m'għandux provi xi jressaq.

13. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrent bil-miktub.

14. Rat illi fl-1 ta' Frar 2024 ir-rikorrent ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 129-137).

15. Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet tal-intimat bil-miktub.

16. Rat illi fit-13 ta' Marzu 2024 l-intimat ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 138-146).

17. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' April 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

18. Jirriżulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 8 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent ġie misjub ħati ta' diversi akkużi fosthom li kkawża ferita gravi fuq il-persuna ta' ċertu Noel Borg u talli kien reċidiv u l-Qorti kkundannati għall-piena ta' seba' snin priġunerija u ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 rabtitu b'obbligazzjoni li ma jimmolestax jew jivvessa lil Noel Borg għal żmien ta' tnax-il (12) xahar taħt penali ta' ħames mitt Ewro (Ewro 500) (fol 55-63 et seq).

19. Jirriżulta illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 18 ta' Frar 2020 il-Qorti annullat is-sentenza appellata u bagħtet il-proċess lura lill-Ewwel Qorti sabiex jiġi ratifikat in-nuqqas fis-sentenza appellata li kien jikkonsisti filli dik il-Qorti għamlet referenza għall-artikolu 33A tal-Kap 9 li jipprovdi għal żieda fil-piena f'każ lill-ħati huwa priġunier, meta effettivament ma kienx hemm referenza għal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Ġeneral tal-24 ta' Ġunju 2011 (fol 43-54).

20. Jirriżulta illi l-kawża tar-rikorrent reġgħet marret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

21. Jirrizulta illi l-Qorti, kif diversament presjeduta, b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021 sabet lill-attur ħati li kkawża ferita gravi fuq il-persuna ta' ċertu Noel Borg u talli kien reċidiv u kkundannatu għal sitt snin priġunerija u ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 rabtitu b'obbligazzjoni li ma jimmolestax jew jivvessa lil Noel Borg taħt penali ta' elfejn u tlett mitt Ewro għal perjodu ta' sena (Ewro 2300) (fol 28-42 et seq).

22. Jirriżulta illi l-attur intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, liema appell għadu pendenti jistenna l-eżitu tal-proċeduri odjerni.

23. Jirriżulta illi fis-27 ta' Awwissu 2021 l-attur intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab ai termini tal-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jerġgħu jittellgħu xi xhieda mill-ġdid fosthom il-psikjatra Dr Joseph Spiteri (fol 64).

24. Jirriżulta illi, skont l-istess attur, għamel din it-talba minħabba li kien hemm fatti ġenwini u serjissimi li fi żmien il-kumpilazzjoni r-rikorrent kien taħt kura psikjatrika severa li ma kinitx komuni biex b'hekk ir-rikorrent ma kienx konxju u mentalment stabbli biex jirribatti dik ix-xhieda u l-każ fiż-żmien in kwistjoni billi wkoll ma kienx mentalment stabbli sabiex jikkonsulta ma' avukat.

25. Jirriżulta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' digriet datata 13 ta' Jannar 2022 ċaħdet it-talba tal-attur kontenuta fir-rikors tas-27 ta' Awwissu 2021 (fol 19-21 et seq u 101-103).

26. Jirriżulta illi l-attur qiegħed permezz tal-kawża odjerna jsostni illi fil-konfront tiegħu, tali rifjut wassal sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu.

**Meritu tal-każ**

27. Illi l-ilment tal-attur huwa msejjes fuq il-fatt illi, skont l-istess attur, huwa stess jew l-avukati tiegħu, ġew miżmuma milli jerġgħu jtellgħu lill-psikjatra Dr Joseph Spiteri milli jixhed u dan minħabba impediment li kien hemm sabiex jerġa' jinġieb jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, meta dik il-Qorti kienet, bis-sentenza tat-18 ta' Frar 2020, annullat is-sentenza appellata u bagħtet il-proċess lura lill-Ewwel Qorti, mhux biex jinstemgħu xi xhieda imma sabiex jiġi ratifikat in-nuqqas li kien hemm fis-sentenza vis a' vis l-Artikolu 33A tal-Kap 9. In oltre, l-istess attur jagħmel ukoll referenza għall-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' digriet datat 13 ta' Jannar 2022, kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrent għax-xhieda tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri ai termini tal-Artikolu 424 tal-Kap 9.

28. Illi l-ewwel u qabel kollox jiġi rilevat illi l-Qorti hawnhekk għandha quddiemha sitwazzjoni fejn il-proċedura kostituzzjonali in deżamina ġiet intavolata meta, skont kif jistqarr l-istess attur fir-rikors promutur tiegħu, l-proċeduri kriminali li fuqhom huwa msejjes l-ilment tiegħu għadhom pendenti.

29. Illi, kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, ir-rikorrent kien intavola appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021, liema appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, minħabba l-proċeduri odjerni.

30. Il-Qorti tirrileva illi l-Avukat tal-Istat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jargumenta illi għad hemm rimedju ordinarju, stante illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għadhom ma ntemmux u konsegwentament l-eżitu finali ta' dawk il-proċeduri għadu mhuwiex magħruf.

31. Hawnhekk il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Dr David Sammut et vs L-Avukat tal-Istat et***[2] fejn il-Qorti stħarrġet dwar l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u qalet is-segwenti:

> *"Illi qabel xejn issir referenza għal għas-sentenza Ramon Fenech vs L-Avukat ta' l-Istat fejn il-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza l-aktar relevanti*

[2] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Ottubru 2024- Rik. Numru: 305/2022

*dwar l-proviso tal-artikoli fuq imsemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 u siltet diversi prinċipji relevanti:*

*23. Insibu fil-provisos għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex minn naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*

*… … …*

*25. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*

*«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

*26. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx ta' bilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et);*

*27. Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza, Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 li,*

*«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, ratifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

*… … …*

*29. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara Tonio Vella v. Kummissarju tal-pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*

*30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u. Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022)".*

**Rimedju Ordinarju**

32. Il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex taffronta l-argument tar-rimedji ordinarji imressaq mill-intimat flimkien mal-analiżi tal-każ fuq il-mertu, u dana għaliex il-Qorti tħoss illi fil-każ in deżamina huma intrinsikament konnessi flimkien.

33. Il-Qorti tosserva illi l-attur qiegħed, permezz tal-azzjoni odjerna, jilmenta l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, liema ilment huwa prinċipalment imsejjes fuq il-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tad-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2022 ċaħdet

it-talba tar-rikorrent sabiex iressaq xhieda ġodda inkluż il-psikjatra Dr Joseph Spiteri fl-istadju tal-appell.

34. Il-Qorti ser hawnhekk tagħmel referenza għax-xhieda tal-attur mogħtija quddiemha fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 fejn huwa jagħti l-verżjoni tiegħu u jispjega l-fatti kif ġraw:

> *" Ix-Xhud :*
> *Tajjeb biex nispjega irrid nibda kif ġraw il-fatti mill-bidu nett. Mela kelli kawża fil-Qorti Kriminali li eventwalment kont weħilt seba' (7) snin priġunerija. At the end sar appell minn ... minn ... minn Avukat Brincat u għaddew iż-żmien u sa dan it-tant l-Avukat Brincat kien ma jiflaħx fit-tul u peress li kellu żmien ukoll qisni iddeċidejt li nbiddel l-avukat u daħħalt lil Dr George. Għalkemm daħal ukoll fuq xi kawża oħra imma kien l-istess perjodu. Sa dan it-tant kienu għaddew is-snin pero meta tlajna fil-Qorti tal-Appell l-Imħallfa kienet qalet ... qalet hemm dawn mhux ċert jekk hux tlieta (3) jew erba' (4) punti fuq l-appell ... li l-appell kien ibbażat. Qalet ħa nara dan il-punt ... punt minnhom għax jekk għandek raġun fuqu mhux ħa nkompli nara l-punti u ħa nitfa' l-kawża isfel nerġa'. Sa dan it-tant ... sa dan it-tant jien bdejt nipprepara l-punti lil Dr George biex jekk ħa jitkompla l-każ mhux ħa jerġa' jmur isfel jaħdem fuq dawn il-punti li xtaqt. In the mean time, importanti nsemmi li f'dan il-perjodu kien inbidel id-direttur tal-ħabs. Importanti nsemmih dan emm ... il-punt li bil-Malti biex nitkellem straight kien kines id-droga mill-ħabs u bdejt nagħti iktar każ ... għax meta kien hemm id-droga l-ħabs, jiena kelli problema tagħha u bdejt nieħu d-droga ovvjament ... jekk kelli l-problema tagħha. Sa dan it-tant ġejt kif ... kif iktar ġejt konxju tal-fatti bdejt nagħti kas iktar il-każ u bdejt ninduna li per eżempju xhud minnhom xehed li rani qed inwettaq ir-reat ... meta dan ix-xhud lanqas biss kien fuq il-post. U hemm ħafna punti oħra li bdejt nispjegalhom l-avukat. At the end tlajna għal ... għal din il-kawża biex jara ... biex tara li l-Imħallfa tal-Appell jekk hux fuq dak il-punt li kienet semmiet qabel ... li jekk huwa kellna raġun fuqu tibgħat il-kawża l-isfel u ġara hekk. U reġa' mar fil-Qorti tal-Maġistrati.*
>
> *Il-Qorti :*
> *Jiġifieri reġa' niżel il-każ mill-appell għand tal-maġistrati.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Prosit. Sa dan it-tant, ovvjament jiena bqajt fuq dak il-punti li ktibt lil avukat ... spjegajtlu u ktibthomlu ... li rrid inqajjem ... irrid intella' dawn ix-xhieda. Kien hemm tliet (3) xhieda u psikjatra. Erbgħa (4) ... fosthom biss il-psikjatra kien biss biex jikkonferma li dak iż-żmien ma kontx għaddej żmien tajjeb fi żmien il-kumpilazzjoni qed insemmi ... mhux fi żmien ir-reat. U saħħa li ma kontx tajjeb bid-droga wkoll kont qed nieħu kura severa ... kont qed nieħu injection u ma kontx kapaċi nsegwi l-każ, sia ħabba droga u sia ... Biss meta waslet il-kawża fil-Qorti tal-Maġistrati saħansitra ġurnata qabel ċempilt l-avukat biex fil-każ ... għax jien qatt ma kelli kawża li minn fuq marret isfel ... emm ... biex nispjega l-avukat li jekk fil-każ irridu ntellgħu lil dawn ix-xhieda.*
>
> *Il-Qorti :*

*U l-avukat qed nifhem jien kien Dr George Anton Buttigieg.*

*Ix-Xhud : Prosit u qalli eżatt fuq it-telephone ġurnata qabel qalli Dave ... x' ħa jiġri għada lanqas jien ma naf. Għidtlu all right. Pero l-għada meta tlajna l-Qorti fl-istess jum naħseb kien jaf sew x' ħa jagħmel għax insibu bil-karti mifruxin quddiemu ħa jaqbad jitratta l-każ u tratta l-każ isfel ... meta mill-Appell niżel isfel mingħajr ma spjega dawn l-affarijiet li xtaqt jien. Fil-fatt anke tinduna mill ... mid-dati ... il-ġurnata li niżel isfel l-ewwel darba kien hemm differiment kien żmien il-covid u t-tieni darba ... l-ewwel darba li kont dehert bil-covid. Voldieri forsi kien hemm naqra panic ukoll l-ewwel darba li dehert bil-covid. U qabad u farfaruli 'l hemm bil-Malti u għamilli t-trattazzjoni fuq dan il-każ ... mingħajr ma' dan punti ta' xhieda qajjimhom isfel jew kien hemm iċ-ċans li bdiet mill-ġdid ukoll. Sa dan it-tant ... sa dan it-tant kif ħriġna mill-awla qalli trattajtulek fuq il-punti li kellek tal-avukat qabel ... voldieri dak li spjegajt jiena tax-xhieda lanqas ikkalkolahom. At the end ħadna s-sentenza fuqha u naqqsitli sena ... minn seba' (7) snin ġew sitt (6) snin. Ovvjament meta mbagħad kien hemm appell u l-appell jiena xtaqt ... bqajt nibbaża fuq dawn il-punti li xtaqt inqajjem jien. Biss sija l-Qorti u sija l-AG kien speċi qalli tqajjem dawn il-punti ... għax ma qajjimthomx isfel? Jien naqbel perfettament. Sija ma' l-AG ... dawn il-punti kif ma tqajmux isfel ... kellek iċ-ċans kollu. Biss l-Avukat Generali u l-Qorti ma kinitx taf kif ġew l-affarijiet fhimt ... li kelli ċans imma l-avukat ... Sa dan it-tant emm ... il-Qorti tat-tieni Appell beda jipprova jfiehem l-avukat ... dehrna ħames (5) darbiet li mill-bidu nett l-Imħallef kien spjegalu emm ... li ... li dawn l-affarijiet setgħu tqajmu isfel. Biss l-avukat baqa' jdur magħha biss imbagħad darba minnhom qallu ... qallu billi ttella' psikjatra ... għax jien għafast illi l-ewwel ridt intella' psikjatrika biex jikkonferma li jien fi żmien il-kumpilazzjoni kont għaddej minn dan l-istat. Imbagħad l-Imħallef qallu ... qallu billi ttella' dal-psikjatra fejn ħa twassal? Qallu ħa twassal biex tispjega li meta wettaq ir-reat kien dementi. U mingħajr ma qalu iva u le, b'rasu qallu ... voldieri iva. Issa din kienet żball kbir għax jiena ridt il-psikjatra mhux biex meta wettaqt ir-reat ... meta kont għaddej kumpilazzjoni biex jikkonferma biss, imbagħad intellgħu x-xhieda. Minn hemm hekk il-Qorti fehmet ... fehmet tajjeb fuq dak li fiehem l-avukat, imma l-avukat fiehem ħażin. Sa dan it-tant qallu mela fuq din ... qallu ħa nagħti s-sentenza preliminari. Ovvjament l-avukat jiena għidtlu li qatt ma tista' tkun sentenza preliminari kif suppost għax ħa jtiha fuq dak li qed tispjega inti mhux fuq il-punti li vera kif irriduhom. Qalli nimxu pass pass. Għidtlu timxi pass pass jekk ewwel pass għal ġol-ħajt. Insomma minn hemm u minn hawn stennejna pass pass u ta s-sentenza hi kif inhi ... li jien sa ċertu punt naqbel magħha imma naqbel magħha għax taha b' dak li spjega l-avukat lill-qorti. At the end kif imbagħad l-avukat baqa' jispjega insomma u ta s-sentenza u kont qed nispjegalu ... emm ... ridt jien li nqajjem il-punt isfel ... jispjegalu li kif ġraw l-affarijiet. L-avukat qalli ma tistax tqajjem il-punt isfel. Sadanittant imsomma kien hemm xi ... xi ... xi diskussjonijiet fuq ... fuq it-telefon u spjegajt lill-avukat u għidtlu li dan il-każ kif żvolġa ma tistax tkomplih inti għax inti mhux ha titla' l-Qorti u tammetti dawn l-iżbalji. Sa dan it-tant kellimt avukat ieħor u qalli għid lill-avukat biex iħalli nota fl-atti biex inkomplih ... apparti spjegajtlu kollox. Ergajt ċempilt lil George u għidtlu trid tħalli nota fl-atti ... qalli mela billi tgħid inti. Għidtlu imma kif żviluppaw l-affarijiet ... qalli ħa ngħaddi*

*inkellmek ... għidtlu għalxejn ħa tgħaddi tkellimni ... għidtlu tista' tkellimni fuq it-telefon biex tgħaddi u minn wara l-perspex għidtlu xorta ... inutli toqgħod tiġi. Qalli ħa niġi nkellmek u minn hemm hekk indunajt biex jara x'se jivvinta. Ġie jkellimni l-għada. Hu qalli ... qalli jiena qatt ma stajt inqajjem dawn il-punti għaliex is-sentenza tal-ewwel appell tatha li biex jiġi ratifikat biss dan in-nuqqas. Għidtlu dott ... għidtlu dan il-kliem missek spjegajtu isfel ... għidtlu t-tieni ħaġa ma kienx hekk għax kieku ma kontx noqgħod nippreparalek il-punti anke fil-Qorti ta' l-ewwel appell.*

...

*Ix-Xhud :*
*Naħseb hawn hekk għandi żball ... mhux l-ewwel appell imma naħseb kien ... kien jispjega fl-ewwel ... fit-tieni kumpilazzjoni ħa nsejħilha hekk. Sa dan it-tant insomma spiċċajt ... spiċċajt niftħu din il-kawża u jien aċċettajt biss biex nispjega ... għax isfel ma stajtx nispjega ... pruvajt nitkellem ... mhux qisu ma tagħtnix ċans il-Qorti ... qalli tkellem ma' l-avukat u jispjega l-avukat. Imma l-avukat beda jispjega kollox ħażin li spiċċajt jien ftaħt din il-kawża biex nispjega dan meta dan jien għalija stajt nispjegah isfel wara s-sentenza preliminari għax l-Imħallef t'isfel fiehem tajjeb ... fiehem ... imma fiehem dak li spjega l-avukat George Anton Buttigieg. Naħseb din in-naqra background naħseb spjegajt.*

....

*Il-Qorti :*
*Le ... le ... biex nifhem il-kwistjoni kollha. U allura din il-kawża s'issa għadha ma ġietx deċiża għax issa qed tistenna din li qiegħda quddiemi?*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament ... eżattament. Pero għandi każ ieħor ... imma still ... xtaqt d-drittijiet tiegħi ...*

...

*Dr Julian Farrugia :*
*Kważi kważi l-ovvju .... Sur Schembri inkun korrett ngħid li inti l-avukat George Anton Buttigieg, huwa avukat li inti qabbadt u mhuwiex avukat tal-għajnuna legali?*

*Ix-Xhud :*
*Le ... avukat li qabbadt.*

*D Julian Farrugia :*
*Avukat li qabbadt int"*

(fol 22-24).

35. Il-Qorti tosserva illi, sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent eżawriex ir-rimedji ordinarji tiegħu kif ukoll jekk l-ilment li fuqu l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu huwiex

wieħed li jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq jew le, trid issir referenza u analiżi tal-fatti kif ġraw.

36. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tinnota illi meta l-kawża kienet qiegħda tinstema' għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-psikjatra Dr Joseph Spiteri kien xehed f'dawk il-proċeduri, kif joħroġ ċar mit-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu a fol 119-123 tal-proċess.

37. Jirriżulta, mill-qari tal-istess traskrizzjoni, illi Dr Spiteri kellu bżonn li jagħmel referenza u li jkollu aċċess għan-*"notes"* sabiex ikun jista' jixhed. Infatti, dik il-Qorti kienet provdiet is-segwenti:

> *"Il-Qorti tilqa' t-talba magħmula mid-difiża u tidderiġi lil Direttur Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħti aċċess lix-xhud għar-records tal-imputat, għamel għan-notamenti tiegħu ta' meta kien jikkura l-imputat liema notamenti jinsabu fil-file ta' l-istess imputat relattivi għaż-żmien meta x-xhud kien jikkura lill-imputat"* (fol 122-123).

38. Nonostante cio' u għal raġuni illi lanqas ma ġiet spjegata mill-istess attur, il-psikjatra Joseph Spiteri ma kienx reġa' ġie mħarrek quddiem dik l-ewwel Qorti sabiex ikompli bix-xhieda tiegħu.

39. Illi mix-xhieda tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023 quddiem dina l-Qorti, huwa jispjega s-segwenti:

> *"Il-Qorti :*
> *Mela żewġ domandi ħa nagħmilhom ... ħa nistaqsihom jien ... mela ... mela l-ewwel u qabel kollox ... mela dottore jiena għandi vera ... għandi fix-xhieda hawn hekk miktub illi jidher illi dakinhar inti ma stajtx tixhed għax forsi ma kellekx xi notamenti f'idejk. Tiftakar jekk forsi mbagħad sussegwentement ingħatawlekx dawn in-notamenti ?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *M'għandix memorja ta' xejn minn dan pero li għandi notamenti tal-Mount Carmel.*
>
> *Il-Qorti :*
> *U nkun korrett nifhem illi dawn in-notamenti ta' Mount Carmel kienu anke fil-pussess tiegħek dak iż-żmien ... fis-sens dawn kienu notamenti ... huma notamenti li għandek int qed nifhem jien ... huma tiegħek hux hekk ?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Li għandu l-isptar Monte Carmeli illi huma il-medical notes jew is-psychiatric notes ta' meta xi ħadd jidħol ġewwa l-isptar allura that is equal to ... so to say illi meta dan ikun iddisturbat jiġi il-forensika ... u n-noti issa available. Forsi dakinhar ... dakinhar forsi kelli volum wieħed u llum il-ġurnata għandi żewġ volumi ħoxnin għax ġibthom kollha bil-Malti ...*
>
> *Il-Qorti :*
> *Sewwa ... jiġifieri issa inti għidtilna illi l-ewwel darba mir-rekords tiegħek jien jidhirli xi 1998 ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Issa u allura… jiena din ix-xhieda kienet f'Ottubru ta' 2013 jiġifieri kienu għaddew xi fifteen (15) years. Jiena nkun korrett nifhem illi dakinhar kellek jew ma kellekx informazzjoni fuqu ... fis-sens kellek qed nifhem jien id-dokumentazzjoni tal-isptar dak iż-żmien u forsi mhux tal-ħabs ?*

*Ix-Xhud :*
*Forsi kelli tal-isptar imma volume wieħed mhux volumes ... iż-żewġ volumes għax ħa ... għax jiena ... għax x'ħin rajt il-kawża għidt ħa nġib il-volumes kollha għax dawk ikunu qegħdin storjati post ieħor u ġibt iż-żewġ volumes. Iġifieri dakinhar seta' kelli volume wieħed.*

*Il-Qorti :*
*Issa meta tgħidilna ... spjegalna ftit biex nifhem jien meta tgħidli volume wieħed x' ifisser volume wieħed ?*

*Ix-Xhud :*
*Iġifieri l-perjodi ... dana tant kemm niktbu fuqu li l-volume ... il-file isir oħxon allura mbagħad wara ftit żmien isir ieħor ġdid.*

*Il-Qorti :*
*All right iġifieri volume two huwa kontinwazzjoni ta' volume one. Iġifieri huma żewġ kotba differenti.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe ehe ... biex nispjega lill-Qorti sew ... jiġifieri it-tieni volume kien mit-2012 'il quddiem u l-ewwel volume ... l-ewwel volume huwa minn 1998. Allura l-likelihood dikinhar ... il-likelihood għax ma niftakarx hija li meta tlajt il-Qorti jiena kelli l-volume number 2 li kien jibda mit-2012 ...*

*Il-Qorti :*
*Minn 2012 'il quddiem ...*

*Ix-Xhud :*
*'Il quddiem ... illi tirrelata mad-data ta' meta xhedt ... biss ma jkollix ir-riżultati hawn ... il-fajl ta' qabel. Illum il-ġurnata għandi l-file biex inkun komplet.*

*Il-Qorti :*
*Ok. U nkun korrett nifhem ukoll illi għalkemm ma kellekx il-volumes f'idejk kollha lis-sinjur kont tafu diġà ... kont taf x'inhuma d-diffikultajiet tiegħu ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva ... iva ... iva ... każ bħal dak ma tantx tinsieh.*

*Il-Qorti :*

*Allura kont f'pożizzjoni anke tixhed fuq il-fatti li taf dakinhar fis-sens bil-volume jew mhux mingħajr volumes ... kont diġà taf ...*

*Ix-Xhud :*
*Jiena nassumi li xhedt ... għax m'iniex naqrahom kollha ... jiena nassumi li xhedt dak li kont naf fuqu dak iż-żmien illi għadu probabbli l-istess illum il-ġurnata.*

*Dr Alexander Scerri Herrera :*
*Ok ...*

*Il-Qorti :*
*Daqshekk ...*

*Dr Alexander Scerri Herrera :*
*Ma kienx edott dak iż-żmien ... kien qal li ma jistax jidħol fiha.*

*Il-Qorti :*
*Dottore imbagħad naraw ... nara wara jien. Mid-dottore emm ... jiġifieri basically li ... li qed jgħidli d-dottore huwa li jista' jkun li kellu l-volume 2 f'idejh li kien mit-2012 'il quddiem ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*U ma kellux il-volume 1 one għax dak iż-żmien ma kienx f'idejh imma kien qiegħed il-ħabs u sussegwentement ikun rah ... imma kien diġà jaf bil-fatti tiegħu anki qabel ... kien diġa a korrentt ... mhux jiġifieri newby ... fis-sens jafu sew.*

*Dr Alexander Scerri Herrera :*
*Hu kellu dokumentazzjoni minn 2012 'il quddiem.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu"*

(fol 116-117)

40. Il-Qorti hawnhekk tqis illi għandha tirrileva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020, kienet attwalment annullat is-sentenza appellata u reġgħet bagħtet il-proċess lura quddiem l-ewwel qorti.

41. Għalhekk, riżultat ta' tali deċiżjoni, l-attur kien tqiegħed f'sitwazzjoni ferm fortunata, fejn kien hemm il-possibilita' tas-smigħ tax-xhieda mill-ġdid - opportunita' li l-attur jidher illi għażel xejntement illi ma jiħux! Di fatti, kif xehed l-attur stess quddiem dina l-Qorti, w hawn fuq riportata, kif jingħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u, finalment, kif joħroġ ċar mill-proċess tal-kawża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża fil-11 ta' Jannar 2021:

*"Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-2 ta' Lulju 2020 meta, wara li saret referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-partijiet qablu li jagħmlu sottomissjonijiet orali mill-ġdid u wara l-kawża tista' tibqa' għas-sentenza"* (fol 29).

42. Għalhekk, jidher ċar li meta l-kawża tar-rikorrent, in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet reġgħet marret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (kif diversament presjeduta), huwa ma sfruttax l-opportunita' li kienet ġiet quddiemu, u minflok talab li jkun hemm is-smigħ tax-xhieda mill-ġdid, sempliċement tratta l-kawża mill-ġdid u l-kawża marret għas-sentenza.

43. Mix-xhieda tal-attur kif ukoll mill-qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jidher ċar u manifest illi l-attur stess qiegħed jattribwixxi dan in-nuqqas fuq l-avukat li kien qiegħed jippatroċinah waqt dawk il-proċeduri. Infatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet huwa jipprovdi s-segwenti:

*"Illi jiġi rilevat li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma damux u dan minħabba li l-avukat tal-esponenti kontra kull parir għażel li jeżenta s-smigħ tax-xhieda mill-ġdid meta l-kawża kienet ġiet rimandanta mill-Qorti Kriminali għal quddiem il-qorti inferjuri u b'hekk ma talabx li jitressqu x-xhieda li r-rikorrenti xtaq iħarrek għad-difiża tiegħu u lanqas ma sar xi kontro eżami ulterjuri tax-xhieda li kienu ġja iddeponew qabel.*

*Illi minħabba f'hekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati saret mingħajr l-opportunita' li jitwettaq assessment sħiħ u dirett tax-xhieda li wasslu għad-deċiżjoni tagħha.*

…

*Illi ta' minn isemmi li meta is-sentenza ta' 8 ta' Mejju 2015 ġiet annullata u il-każ reġa' beda jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-esponenti jemmen li ma kellux opportunita' li jippreżenta provi ġodda u dan minħabba li fl-ewwel seduta ta' dawk il-proċeduri l-avukat patroċinanti tiegħu ħa deċiżjoni unilaterali li jeżenta is-smigħ tax-xhieda u bi qbil mal-Avukat Ġenerali talab li l-każ jitħalla għal-sottomissjonijiet orali u għas-sentenza.*

*Illi kien għalhekk li l-esponenti jemmen bis-sħiħ li ma ngħatax l-opportunita' li jressaq dawn ix-xhieda la quddiem il-Qorti Kriminali meta saret it-talba permezz ta' rikors quddiem l-Onorevoli Imħallef Dr Aaron Bugeja u wisq anqas quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għaliex l-avukat naqas milli jsemmi ix-xhieda neċessarja u minflok għadda sabiex jiddikjara li ma kellux provi meta dan ċertament ma kienx il-każ.*

…

*Illi in vista tan-nuqqas ta' l-avukat li jagħmel it-talba fl-istadju opportun, ma għandux jiġi imxekkel l-esponenti milli jressaq ix-xhieda pertinenti għad-difiża tiegħu".*

(fol 131, fol 135 u fol 136).

44. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti osservat is-segwenti:

*"Iżda anke wara li ġara dan, u minkejja li l-proċeduri reġgħu ġew mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati, issa presjeduta minn Maġistrat ieħor, ma jirriżultax li, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020 meta allura l-appellant issa deher u kien ukoll abbilment assistit, saret xi talba sabiex jerġa' jinstema' jixhed il-Psikjatra Joseph Spiteri biex ikompli jixhed fuq dak li kien xehed fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2013. F'dik is-seduta tat-2 ta' Lulju 2020 kienet saret riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u l-partijiet kienu qablu li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali mill-ġdid u l-kawża tħalliet għas-sentenza. Ma jirriżultax li f'dak l-istadju jew f'xi stadju ieħor li kienet saret xi forma ta' talba lil dik il-Qorti sabiex jerġa' jinstema' jew ikompli jinstema' l-Psikjatra Dottor Joseph Spiteri, li fl-aħħar mill-aħħar l-appellant kien jaf li kien segwih ukoll fiż-żminijiet rilevanti għal dan il-każ.*

*…*

*Din il-Qorti trid timxi ma' dak miktub f'dan l-artikolu u ma tistax tmeri l-ovvju miktub fih. Ma jistax jingħad li l-appellant ma kienx jaf bix-xhud Psikjatra Joseph Spiteri u dan peress li kien hu stess li tellgħu jixhed fit-18 ta' Ottubru 2013. Forsi ma kienx ċert dwar x'setgħa kien ser jgħid bi preċiżjoni fix-xhieda tiegħu - iżda kien jaf li dan kien xhud importanti għalih għaliex altrimenti ma kienx joqgħod itellgħu jixhed. Ladarba kien tellgħu jixhed allura kien jagħraf l-importanza li x-xhieda ta' dan ix-xhud seta' jkollha għall-każ tiegħu. U ġaladarba kien jaf bl-importanza dwaru meta tellgħu ma jistax jgħid li ma kienx jaf bl-importanza tiegħu meta mbagħad wara, ma tellgħux ikompli jixhed bil-file f'idu.*

*Lanqas ma jirriżulta li l-appellant jew l-avukati tiegħu ġew miżmuma milli jerġgħu jtellgħu lil Dr Joseph Spiteri milli jixhed bil-file f'idu. Inoltre ma jirriżultax li kien hemm xi impediment biex Dr Spiteri jerġa' jinġieb jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. U lanqas hemm xi provi li turi li x-xhieda riprodotta ta' Dr Spiteri kienet ġiet offruta quddiem il-Qorti Inferjuri u din, bla ma messha, ċaħdet it-talba.*

*B'din il-Liġi kif inhi miktuba, din il-Qorti ma tistax tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas li jerġa' jitla' jixhed dan ix-xhud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, qabel ma tat is-sentenza tagħha li ġiet annullata jew wara, meta l-każ reġa' mar lura quddiem dik l-istess Qorti wara li kienet ġiet annullata s-sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta".*

(fol 21-21 et seq u fol 103)

45. Il-Qorti tosserva illi l-ilmenti li fuqhom l-attur isejjes il-proċeduri kostituzzjonali tiegħu huma nuqqasijiet li ma jistgħu bl-ebda mod jiġu attribwiti lill-Istat Malti. Dan għaliex kif ħareġ ċar mill-provi, dawn huma nuqqasijiet li l-attur ġab b'idejh stess, irrispettiv jekk hux hu personalment jew l-avukat li kien qiegħed jippatroċinah waqt dawk il-proċeduri.

46. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-attur naqas milli jagħmel użu tajjeb mir-rimedji ordinarji illi huwa kellu a dispożizzjoni tiegħu. B'hekk dawn il-proċeduri ma għandhom bl-ebda mod jiġu utilizzati sabiex persuna tipprova tirimedja għal żbalji u nuqqasijiet li ġabet fuqha hija stess taħt il-pretest ta' smigħ xieraq.

47. Il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni odjerna hija waħda ta' natura konvenzjonali, u dan peress illi l-Qorti qiegħda tiġi msejjħa sabiex tipprovdi rimedju straordinarju u dan minħabba l-fatt illi, skont ir-rikorrent, ir-rimedju ordinarju ma kienx biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

48. Madanakollu, din il-Qorti tosserva li meta min qed jintavola kawża ta' natura kostituzzjonali jonqos milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji jew jonqos milli jagħmel użu tajjeb ta' dawn ir-rimedji ordinarji, dan ikun qiegħed jinkorri mhux biss spejjeż inutilment iżda jkun qiegħed jaħli l-ħin tiegħu u aktar u aktar dak tal-Qorti - kif inhu l-każ in deżmina!

49. Kif intqal tajjeb fis-sentenza mogħija fl-ismijiet ***Roy Joseph Cremona vs L-Avukat tal-Istat et***[3]:

> *"Insibu ripetut li dan ir-rimedju daqshekk straordinarju għar-rikors Konvenzjonali u Kostituzzjonali mhux permess meta rimedju ordinarju li kien effettiv, effikaċi u ad disposizzjoni tar-rikorrenti ġie utilizzat b'mod ħażin, dan intqal fis-sentenza fl-ismijiet Wasim Rakib vs l-Aġenzija Għal Protezzjoni Internazzjonali et.*
>
> *"33 Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx ta' bilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et);*
>
> *34 Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs.*

[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Settembru 2024 - Rik. Numru: 306/2023

*Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar 2005) ;"*

50. Jidher ċar illi, bil-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti qiegħed jittenta illi jaħrab mill-inevitabbli, ossija illi jinsab ħati ta' atti illi huwa kkommetta ħafna snin ilu, u li tagħha kien oriġinalment instab ħati fit-8 ta' Mejju 2015, u wara li din ġiet annullata, reġa' instab ħati tagħhom fil-11 ta' Jannar 2021.

51. Jidher ċar ukoll illi r-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċeduri odjerni, wara nuqqas tiegħu stess, u sabiex iwaqqaf il-proċeduri tal-Appell illi għadhom pendenti sakemm il-kwistjoni odjerna tiġi deċiża – dana huwa abbuż ċar u lampanti illi dina l-Qorti ma tistax ħlief tikkundanna.

52. Għalhekk, din il-Qorti sabiex tassikura ruħha illi r-rikorrent ma jippersistix bl-abbuż tiegħu tal-proċeduri Kostituzzjonali, ser tqis tali proċeduri bħala "sempliċement frivoli" kif ukoll "sempliċement vessatorji" a tenur tal-Artikou 46 (5) tal-Kostituzzjoni, u dana sabiex jiġi assikurat illi r-rikorrent ma' jingħatax l-opportunita illi jkompli jtawwal id-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kif ittenta jagħmel sa issa.

53. Għaldaqstant u fl-ottika ta' dan kollu spjegat, il-Qorti tqis illi t-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu akkolti.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti, għar-raġunijiet fuq spjegati, filwaqt illi:

**Tiddikjara** illi t-talbiet mqajjma mir-rikorrent għandhom jitqiesu bħala sempliċement frivoli, kif ukoll vessatorji, kif pprovdut fl-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Spejjeż** kollha tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**